# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 1703/99/SM**

**Laferla Insurance Agency Limited ghan-nom ta' John Neil f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikurattrici Ensign Motor Polices at Lloyds u din kif tinsab issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Tabone u l-istess Mario Tabone.**

**vs**

**Emanuel Desira**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta' Novembru tal-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghall-incident li sehh gewwa Zejtun, fid-29 ta' Settembru, 1998, bejn il-vettura Escort proprjeta' tal-assikurat tal-attur misjuqa minn Mario Tabone bin-numru IAF-027 u l-vettura Bedford bin-numru IAU-017 misjuqa mill-konvenut u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur (Dok. A);**

2. **Illikwidati d-danni fis-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (LM428.68,0) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi, sofferit in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00,0) mill-attur Mario Tabone u s-somma ta' erba' mija u tlett liri Maltin u tmienja u sittin centzmu (LM403.68,0) lis-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited, kif spjegat ahjar fl-annessa skeda ta' danni (Dok. B);**

3. **Ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25,00,0) jew somma verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti, rapprezentanti d-danni minnu kkawzati;**

4. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult, tal-ittra bonarja mibghuta lilu fil-11 t'Awissu 1999 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ghall-finjiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident sad-data tal-hlas effettiv;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Dicembru tal-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fil-avviz, izda gara tort unikament tal-attur Mario Tabone;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant orali ta' l-atturi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fid-29 ta' Settembru ta' l-1998 fi Triq il-Kanonku De Domenico, iz-Zejtun;**

2. **Illi jirrizulta li l-attur Tabone kien fil-vettura tal-marka Escort bin-numru JAU-017 mentri l-konvenut Desira kien qed isuq it-truck Bedford bin-numru IAF-027;**

3. **Illi jirrizulta li l-vetturi kienu wara xulxin, b'dik ta' l-attur Tabone wieqfa meta t-truck tal-konvenut irriversja fuqhu;**

4. **Illi d-danni kkagunati lill-atturi jammontaw komplessivament ghall-erba' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienju u sittin Lira Maltin (LM428.68,0);**

5. **Illi ghalkemm jirrizulta li l-konvenut kellu diversi udjenzi rizervati ghall-produzzjoni tax-xhieda tieghu, dan baqa' qatt ma uza dawn l-opportunitajiet lilhu koncessi u dan, minghajr ma ta' l-ebda raguni;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Emanuel Desira unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-procedura;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi komplessivament fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM428.68,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Emanuel Desira ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**